TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 191/16/F

**Nicolette u Alfred Miller**

**vs**

**Viestone – Victor Cuschieri**

Illum 29 ta' Novembru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mija u disgħin ewro (€590), rappreżentanti prezz ta' funtana li kienet inkissret il-biċċa t'isfel tagħha.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw funtana u l-biċċa t'isfel tagħha ixxaqqet u minkejja li l-intimat mar jiprova jsewwiha, dina xorta baqgħet bl-ilma ħiereġ minnha u ma kinitx tajba.

L-intimat offra illi jerġa' jbiddilha, pero' ma riedx iwassalhielhom u ma riedx iħallas għall-installazzjoni.

Ir-rikorrenti *daparte* tagħhom insistew illi għandu jwassalha u jinstallha hu stess. L-intimat allega wkoll illi l-funtana ma kinitx imwaħħla tajba u għalhekk inkissret.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-funtana verament kienet inkissret, għalkemm ma ġabux ebda prova ta' kif inkissret.

Illi minkejja li r-rikorrenti qalu li nkissret minħabba l-użu u jibqa' l-fatt illi l-intimat offra li jbiddillhom dik il-parti li nkissret.

Id-diżgwid inqala' minħabba l-fatt illi l-intimat ma riedx iwassalha u lanqas jinstallha għax hemm spiża għal din l-installazzjoni, u dan aktar minħabba l-fatt ukoll illi r-rikorrenti kienu diġa' ħallsu għat-trasport u għall-installazzjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, iħoss ukoll illi din il-funtana inkissret mhux tort tar-rikorrenti u huwa għalhekk l-obbligu tal-intimat li jbiddilhielhom billi jwassal il-biċċa tal-funtana l-ġdida fuq il-post, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti parti mill-ispejjeż għall-installazzjoni, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**